**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : LVI**
**Appell Nru: 262/2000**

**Il-Pulizija (Spettur A. P. Miruzzi)**

**Vs**

**MICHAEL CARABOTT**

**Illum, 6 ta'Gunju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat ic-citazzjoni li biha Michael Carabott gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kirminali (**1**) talli fl-20 ta'Frar, 2000, ghal habta tat-3.10 p.m., bhala hawker f'Ta' Qali Open Market, Ta'Qali, naqas li jaghti jew li jipproduci ricevuta fiskali ta'cash register li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita ta' l-14 il-Skeda li tinstab ma' l-Att tal-1998 Dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3, u 10 ta' l-imsemmija Skeda w l-Artikoli 51 u 77 (a)( u (c) ta' l-Att numru XXIII tal-1998 ; kif ukoll (**2**) talli fl-istess zmien u fl-istess post fixkel, jew tellef jew xekkel jew dejjaq lil Louis Camilleri w Temi Scicluna, Spetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, mahturin skond l-Att tal-1998 Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, li kienu qed iwettqu kif imiss setghat u dmirijiet moghtija jew imposti fuqhom bis-sahha ta' l-istess Att, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 79 ta' l-Att XXIII tal-1998.

Rat is-sentenza moghtija mill-imsemmija Qorti fis-16 ta'Novembru, 2000, li biha Michael Carabott gie liberat mill-ewwel akkuza filwaqt li instab hati fuq it-tieni akkuza w fuqha gie multat Lm250.

Rat ir-rikors t'appell ta'Michael Carabott datat 28 ta'Novembru, 2000, li bih talab li din il-Qorti " <u>thassar s-sentenza appellata w tilliberah minn kull piena w htija, u, fin-nuqqas, tirriforma s-sentenza appellata ghal wahda anqas oneruza</u>."

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet lill-Avukat Generali fis-seduta tad-19 t'April, 2001, jeccepixxi n-nullita' tar-rikors t'appell ta'Michael Carabott a bazi ta' l-Artikolu 419 (1)(c) tal-Kap. 9.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat fuq din l-eccezzjoni.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-Avukat Generali qajjem din l-eccezzjoni ghaliex, skond hu, it-talba ta' l-appellant, kif maghmulha fl-ahhar paragrafu tar-rikors t'appell tieghu, hi ghat-thassir tas-sentenza appellata mentre, skond il-ligi, kellha tkun ghar-riforma ta' dik is-sentenza.

L-Avukat Generali ghandu ragun. L-appellant kien gie liberat mill-ewwel akkuza dedotta kontrih, u ghalhekk, hu qatt ma setgha, taht piena ta' nullita, jaghmel it-talba principali tieghu ghat-thassir tas-sentenza appellata. L-appellant mhux gustifikat jghid li ghamel it-talba tieghu skond il-ligi ghaliex talab ukoll ir-riforma tas-sentenza appellata. Hu talab ir-riforma bhala talba alternattiva f'kaz li din il-Qorti ma tkunx l-ewwel laqghet it-talba tieghu principali ghat-thassir tas-sentenza appellata. Din it-talba, f'dawn ic-cirkostanzi, kellha tkun biss ghar-riforma tas-sentenza appellata, u mhux ghat-thassir taghha, u, fin-nuqqas, ghar-riforma taghha. Tali difett mhux rimedjabbli, u, ghalhekk, l-eccezzjoni ta' l-Avukat Generali jisthoqqilha li tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, f'dan is-sens l-appell ta'Michael Carabott huwa michud u s-sentenza appellata hija konfermatha fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur